MALTA

**QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF GRAZIO MERCIECA**

Digriet Kamerali mogħti llum 23 ta' Diċembru 2019

Rikors Revoka 1158/19

Fl-atti tal-mandat ta' sekwestru numru 1675/2019 fl-ismijiet:-
KPJ Company Limited (C56016) u Ten Star Properties Limited (C35437)
vs
Elsil Limited (C87781), Silvio Borg (KI 466565M) u Elaine Cuschieri (KI162281M)

Il-Qorti,

Rat il-mandat ta' sekwestru maħruġ fit-2 ta' Diċembru 2019 fl-ismijiet premessi fis-somma ta' €1,118,052 bilanċ ta' kera dovut *di fermo* għall-

perjodu bejn it-18.11.2019 u 17.08.2023 skont kuntratt ta' kirja tas-7 t'Awwissu 2018 tal-ġestjoni tal-fond 60 Triq Wilga, Paceville, San Ġiljan biex tiġi użata bħala *guesthouse*;

Rat ir-rikors ippreżentat fil-5 ta' Diċembru 2019 mis-sekwestrati li permezz tiegħu talbu r-revoka tal-istess mandat għal għadd ta' raġunijiet, fosthom (i) qiegħdin jintalbu ammonti ta' kera għal termini fil-futur li għadhom ma skadewx u għalhekk bi ksur tal-Art. 836(1)(d) tal-Kap 12 u l-ammont fi kwalunkwe każ mhuwiex dovut – art *36(1)(f); (ii) il-mandat inħareġ b'malizja u huwa frivolu u vessatorju ex-Art. 836(8) Kap 12. Talbu wkoll il-likwidazzjoni u kundanna għall-ħlas ta' penali;

Semgħet it-trattazzjoni bil-fomm tal-avukati difensuri tal-partijiet kontendenti;

Rat li fl-udjenza tad-19 ta' Diċembru 2019 ir-rikors ġie mħolli għad-digriet kamerali;

Rat li waqt it-trattazzjoni bil-fomm, l-avukat tas-sekwestrati qanqal in-nullita` tal-mandat; issottometta li l-mertu huwa ta' kompetenza esklussiva tal-Bord li Jirregola l-Kera u għalhekk il-mandat kawtelatorju kellu jitressaq quddiemu;

Illi fi proċedura bħal din, miftuħa taħt l-Art. 836(1) tal-Kap 12, ma tistax titressaq l-eċċezzjoni tan-nullita` tal-mandat billi l-istess Artiklu jipprovdi għadd ta' raġunijiet għat-tħassir ta' mandat **validu;** u mhux biex jiġi ddikjarat null; li jfisser li qatt ma kien validu. B'danakollu din il-Qorti hija tal-fehma li għandha d-dover li tissolleva n-nullita` *ex officio*; għaliex hija

ma tista' qatt teżerċita setgħa f'materja li l-liġi ma tagħtihilhiex (inkompetenza *rationae materiae)*;

Illi l-Art. 264 tal-Kap 12 jistabbilixxi r-regola (salv eċċezzjonijiet) li l-**eżekuzzjoni tas-sentenzi** ssir mill-Qorti li minnha jiġu mogħtija. L-Onorevoli Imħallef **William Harding**[1] ittraċċja l-ġenesi ta' din in-norma fid-Dritt Ruman, fil-prassi tal-foro, u l-bażi ġuridika tagħha fl-hekk imsejjaħ dritt naturali u fil-loġika: "Issa, hu prinċipju inveterat fil-Qrati Maltin, probabilment oriġinat mid-Dritt Ruman[2], u ċertament *secundum commune omnium tribunalium praxim*, illi *le quistioni concernanti la esecuzione delle sentenze non sono se non incidentali alle sentenze di cui si domandi la esecuzione*[3]… Dejjem b'applikazzjoni tal-istess prinċipju… intqal… illi *non e` che troppo naturale e logico che abbia il potere di dare o di non dare esecuzione ad un atto l'autorita` medesima che lo avesse emanato*[4];

Illi l-liġi tal-proċedura iżda, għalkemm titkellem dwar il-kompetenza tal-Qorti **<u>wara</u>** s-sentenza, ma titkellimx espressament dwar il-kompetenza tagħha **<u>qabel</u>** il-kawża, u ċjoe` rigward l-atti kawtelatorji. B'danakollu, għandna l-awtorita` tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) li "Il-mandat kawtelatorju hu preordinat għall-preżentata tal-att taċ-ċitazzjoni li fiha u biha l-kreditur attur jiddeduċi l-pretensjoni tiegħu fiż-żmien stabbilit mil-liġi. Il-mandat kellu allura neċessarjament u legalment jiġi ppreżentat fil-foro fejn l-attur ikun intenzjonat li jippreżenta l-azzjoni li għaliha l-mandat ikun jirreferi. Hu allura l-mertu tat-talba attriċi li kellha tiddetermina u

[1] Giuseppe Fenech v Avukat Dr Antonio Caruana 04.02.1956, Appell Inferjuri, Kollez. Vol. XL.i.607
[2] leg. Adite., Cod. De Ordine Judiciorum; Leg. Quoties 3, Cod. de Judiciis
[3] Camilleri v Barone Azzopardi 23.02.1860 Qorti tal-Appell
[4] Borg v Pace 07.03.1895 Qorti tal-Kummerċ; Amato v Merewether 11.12.1902 Prim'Awla, ikkonfermata fil-11.03.1903 mill-Qorti tal-Appell Kollez. Vol. XVIII.i.88

teradika l-kompetenza tal-Qorti li kellha tieħu konjizzjoni tal-kawża u fejn kellu allura jiġi ntrodott, **kemm jekk dan ikun kawtelatorju kif ukoll jekk ikun eżekuttiv**"[5]. Din il-Qorti taqbel ma' dan il-pronunzjament. L-atti kawtelatorji huma purament aġġettivali, intiżi sabiex jippreżervaw l-oġġett tad-dritt dedott fil-ġudizzju sakemm tinqata' l-kawża; fi kliem ieħor biex jevitaw il-*periculum in mora.* Għalhekk huma inċidentali għall-kawża fil-mertu l-istess bħall-atti eżekuttivi, bid-differenza li jokkorru **qabel u waqt** il-kawża filwaqt li l-atti eżekuttivi isiru **wara** s-sentenza;

Illi b'danakollu, fil-fehma ta' din il-Qorti, kif preżentement ippreseduta, l-prinċipju suespost, ċjoe` li l-Qorti kompetenti fil-mertu għandha wkoll il-kompetenza li tieħu konjizzjoni kemm tal-atti kawtelatorji kif ukoll tal-atti eżekuttivi – in kwantu t-tnejn li huma jikkostitwixxu **materja anċillari** għall-mertu tal-kawża - **ma japplikax awtomatikament għat-Tribunali**, billi dawn għandhom ġurisdizzjoni limitata[6]. Interessanti li hemm sentenza ta' din il-Qorti, ippronunzjata iktar minn seklu ilu, li tesprimi fehma usa u iktar liberali minn dik addottata minn din il-Qorti kif preżentement ippreseduta, fil-każ tal-eżekuzzjoni tas-sentenzi: " *Che per l'articolo 290 delle leggi di Procedura Civile e` disposto che l'esecuzione di qualunque sentenza e` di attribuzione della Corte che l'avesse proferita; e tale disposizione di legge, sebbene intesa a regolare la giurisdizione tra le varie Corti Civili de queste isole, e` applicabile nei casi, come il presente, di esecuzione di sentenza di un tribunal di diverso ordine giuridico,*

---

[5] Charles Pace v Tarcisio Borg 05.10.1998 Qorti tal-Appell (Superjuri) LXXXII.ii.977

[6] tant hu hekk, li l-leġislatur spiss jiddetermina espressament dwar kif għandha ssir l-eżekuzzjoni ta' sentenza. Per eżempju, fil-każ tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar (Kap 380 Art 10(4)), u t-Tribunal tal-Konsumatur, jistatuwixxi li l-eżekuzzjoni għandha ssir mill-Qorti tal-Maġistrati. Fil-każ tal-Bord dwar il-Kontroll tal-Kiri tar-Raba is-setgħa tal-infurzar hija vestita fil-Bord stess (Kap 199, Art. 6(3)). Fil-Kap 267, Employment Commission Act jingħad hekk:
"3.(1) Il-Kummissjoni jkollha ġurisdizzjoni li tisma' utiddeċiedi kull talba magħmula minn xi persuna skont l-artikolu120(8) u (9) tal-Kostituzzjoni talli, dwar impieg, xi distinzjoni,esklużjoni jew preferenza li ma tkunx ġustifikabbli f'soċjetàdemokratika tkun saret jew ingħatat bi ħsara għaliha minħabba l-opinjoni politika tagħha.(2) Meta talba kif intqal qabel tkun saret lill-Kummissjoniskont id-disposizzjonijiet ta' dan l-Att, il-Kummissjoni tista'tagħmel dawk l-ordnijiet, toħroġ dawk l-atti u tagħti dawk id-direttivi li tqis xierqa sabiex, twettaq, jew tiżgura t-twettiq tad-disposizzjonijiet tal-artikolu 120(8) tal-Kostituzzjoni"

*perche` non e` che troppo naturale e logico che abbia il potere di dare o di non dare esecuzione ad un atto l'autorita` medesima che lo avesse emanato*"[7]. Din is-sentenza, għalkemm, kif għadu kif ingħad, din il-Qorti ma taqbilx għal kollox magħha, enunċjat prinċipju sinifikanti billi estendiet għat-tribunali kollha dak li l-Kodiċi japplika limitatament għall-Qrati;

Illi mhux ikkontestat li d-dritt kawtelat jaqa' taħt il-kompetenza tal-Bord li Jirregola l-Kera. Il-kweżit jekk dak li japplika għall-Qrati japplikax dejjem għal tribunali oħrajn huwa, għall-fini ta' din il-proċedura, akkademiku, billi fil-każ tal-Bord li Jirregola l-Kera l-leġislatur innifsu jagħtih is-setgħat kollha tal-Qorti. Skont il-Kapitlu 69:

> **20.** (1) Il-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija mill-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili.
>
> (2) L-esekuzzjoni tad-deċiżjonijiet tal-Bord bil-mod stabbilit fil-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili tmiss lill-istess Bord.
>
> **21.** Kull mandat jew ordni maħruġ mill-Bord għandu jkun iffirmat miċ-*chairman* u ċċertifikat mir-Reġistratur jew mill-Iskrivan tal-Bord;

Illi **l-liġi speċjali għalhekk tagħti espressament lill-Bord li Jirregola l-Kera l-istess setgħat li għandha din il-Qorti, <u>inkluża s-setgħa li toħroġ il-mandati.</u>** Il-liġi ma tispeċifikax jekk il-mandati li tirreferi għalihom humiex kawtelatorji, eżekuttivi, jew it-tnejn. Japplika għalhekk il-prinċipju li fejn il-liġi ma tiddistingwix, l-interpretu lanqas għandu jiddistingwi*: Ubi lex non distinguit, nec nos distinguere debemus.* Din il-

[7] Emmanuele Amato v Onorevole Edward M Merewether 11.12.1902 ikkonfermata fl-appell fil- 11.03.1903 Corte di Appello Kollez. Vol. XVIII.i.87

Qorti, kif issa preseduta, ma tistrieħx fuq l-awtorita` tagħha stess biss, imma għandha l-konfort ta' pronunzjament ieħor tagħha, kif diversament ippreseduta, fi kwistjoni identika għal dik quddiemha kif issa ppreseduta, li "Skont l-artiklu 20 l-Bord għandu l-istess setgħat mogħtija lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li jinkludi l-kompetenza li jordna l-ħruġ ta' mandati (kawtelatorji jew eżekuttivi)(ara wkoll artiklu 21 tal-Kap 69"[8];

Illi fiċ-ċirkostanzi, l-Qorti ma jidhrilhiex li għandha timponi l-penali;

Illi għal dawn il-motivi l-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tar-rikorrent u tħassar u tirrevoka l-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju Numru fl-ismijiet premessi in kwantu li dan il-Mandat huwa null u bla effett filwaqt li tiċħad it-talba għall-impożizzjoni ta' penali.

L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta` intimata.

ONOR. IMĦALLEF

GRAZIO MERCIECA

[8] Rikors Revoka Numru 246/2015 fl-atti tal-Mandat ta' Sekwestru kawtelatorju numru 166/15 fl-ismijiet: **North Services Limited (C 18689) vs Meir Assouline (ID: 42820A)** 28.04.2015, Prim'Awla, per Onor. Imħ. Lorraine Schembri Orland. L-emfasi miżjuda minn din il-Qorti.